# Qaddisin Protetturi: Storja ta' Belt Marittima

minn Anthony Caruana

Fi Pjazza Francesco Zahra, is-sena l-oħra, jiġifieri fl-2014, ġie fi tmiemu proġett ġdid ta' armar fid-drapp. Dan il-proġett kien jikkonsisti f'ħames bandalori ta' daqs kbir li finnofs tagħhom ġiet impittra xbieha ta' qaddis li għandu rabta diretta mal-istorja ta' Beltna.

Dawn il-qaddisin huma San Ġiljan l-Ospidalier, San Filippu Neri, San Dimitri Megalomartri u San Franġisk De Paola. Fiċ-ċentru tal-Pjazza hemm tiddomina Sidtna Marija tal-Porto Salvo.

F'dan l-artiklu ser nagħti spjegazzjoni ta' x'inhi r-rabta ta' dawn il-qaddisin mal-istorja tal-Belt Senglea u l-Parroċċa. Nibdew billi nsemmu lill-Madonna tal-Porto Salvo, titlu għal qalb kull Senglean speċjalment dawk li l-baħar hu ħajjithom. Ladarba din Beltna hi mdawra kważi kompletament bil-baħar, u allura hi Belt Marittima, kien bix-xieraq, għalhekk, li għall-festa tal-Bambina jkun hemm ukoll dik li tħarisna fid-diffikultajiet li l-mewġ tal-ħajja jġib fil-bniedem. Anki l-istatwa tal-Bambina ġiet providenzjalment ġewwa Beltna bil-baħar, wara li nstabet fil-wiċċ tal-Baħar Adrijatiku fl-1618. Beltna tqim lill-Madonna taħt dawn iż-żewġ titli li tant huma marbuta anki għall-fatt li fil-ġranet tal-festa nkantaw bil-qalb u b'emozzjoni kbira l-innu *Ave Maris Stella*, (Sliem Kewkba tal-Baħar) lil Marija Bambina.

Il-pittura tirraffigura lill-Madonna fuq is-sħab bil-Bambin f'ħoġorha u l-Port il-Kbir isfel nett imħares tajjeb mill-Omm tas-Sema. Filwaqt li barra l-Port, il-baħar huwa mqalleb, tikkuntrasta ħafna l-kalma li hemm fil-ġewwieni tal-Port. Il-pittura hija mdawra bil-ġilji, simboli tas-safà filwaqt li l-erba' qaddisin l-oħra huma bir-rand li hu s-simbolu tal-qawwa.

Il-qima lejn San Ġiljan fuq din il-peninsula, fiċ-ċentru tal-Port il-Kbir tmur lura mijiet ta' snin, sa minn ħafna qabel mal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ġie Malta. Infatti fl-1530 kien hawn diġà kappella ċkejkna kważi max-Xatt iddedikata lil dan il-qaddis Ospidalier. Għal dan il-fatt, San Ġiljan hu meqjus ko-Patrun ta' Beltna flimkien ma' Marija Bambina. Din il-kappella serviet bħala viċi parroċċa sakemm inbniet il-knisja tal-Vitorja fuq l-għolja magħrufa bħala ta' San Mikiel - il-post fejn għadna nistgħu nsibu l-Bażilika.

Fil-pittura, San Ġiljan hu rraffigurat liebes ta' kavallier biċ-ċerva ħdejh u bil-knisja ddedikata lilu li nsibu fl-Isla stess mibnija fl-istess post sa mill-1311.

Jikkumplimenta miegħu nsibu lil San Filippu Neri (1515–1595), fundatur tal-Kongregazzjoni tal-Oratorjani għax-xandir tal-Kelma, imsejjaħ l-Appostlu ta' Ruma. Ir-rabta mal-Isla bdiet fl-1661 meta żewġ qassisin, żewġ djakni u suddjaknu, ilkoll mill-Isla, tħajru li jibdew jgħixu f'komunità bejniethom skont ir-regola tal-Orotorjani mfassla minn San Filipu Neri. Aktar tard, huma bnew mill-ġdid il-knisja tal-Porto Salvo, flimkien ma' kunvent u oratorju ġdid għat-tagħlim. Fil-kappellun tal-lemin tal-artal maġġur ta' din il-knisja, insibu l-artal Barokk iddedikat lilu flimkien ma' episodji mill-ħajja tiegħu mpittra mal-knisja. Dan il-qaddis sar popolari ħafna mas-Sengleani tant li anki l-knisja tissejjaħ sempliċiment 'Ta' San Filippu'.

San Filippu Neri fil-pittura hu rraffigurat liebes it-tonk u l-berrettin iswed f'rasu, il-ktieb tal-Vanġelu f'idejh kif ukoll bil-kunvent u l-oratorju fil-ġenb tiegħu.

Issa jmiss iż-żewġ qaddisin li għal ħafna snin kienu ċentru ta' devozzjoni speċjalment meta l-baħar kien l-uniku mezz ta' għajxien għal numru kbir ta' Sengleani. San Franġisk De Paola (1416–1507) huwa l-fundatur tal-Ordni tal-Minimi, ordni li jsejħu lilhom infushom l-iżgħar fost iż-żgħar. Qaddis li l-umiltà kienet virtù reali. Protettur tal-baħħar sa minn meta ġie ddikjarat qaddis u sa mill-bini tal-ewwel knisja parrokkjali f'Senglea, kien hemm dejjem artal iddedikat lilu għall-qima tal-baħħara. Artal fqir, iva, imma sinjur fid-devozzjoni. Benefattur u devot ta' San Franġisk ried u ħalla miktub li l-lampier tal-fidda li hu ħallas għal quddiem l-artal maġġur tal-Porto Salvo jiġi armat ukoll nhar il-festa tal-Vitorja quddiem l-artal tiegħu.


SAN FRANGISK
DE POALA
SAN GILJAN
L-OSPIDALIER
SAN DIMITRI
MEGALOMARTRI
SAN FILIPPU
NERI
SIDTNA MARIJA
TAL-PORTO
SALVO



Bil-fardal ma' qaddu, liebes iċ-ċoqqa fqira kannella u l-kappoċċ fuq rasu, f'idejh iżomm il-kliem "CHARITAS" – Karità, filwaqt li maġenbu l-gardjola u l-ponta, postijiet li raw ħafna baħħara jgħixu u jaħdmu għal sekli sħaħ.

San Dimitri Megalomarti, titlu mogħti għal qdusija u d-devozzjoni antikissima lejn dan il-qaddis Ruman, li ġie mogħti l-Martirju fis-sena 296 A.D.. Protettur tal-Qlafat, dawk li bis-sengħa tagħhom kienu jnaddfu l-qigħan tax-xwieni u jaraw li jbaħħru eħfef u iktar siguri. Xogħol li kien isir fix-Xatt, ħdejn il-bini tal-Maċina. San Dimitri kellu artal u fratellanza mwaqqfa għalih fl-1808 fil-knisja tal-Vitorja. Għad li l-fratellanza ma kellhiex ħajja twila, l-artal żamm postu fil-knisja sat-Tieni Gwerra, meta mbagħad, malli nbniet mill-ġdid, l-artal tiegħu tneħħa għalkollox. Sal-lum fis-sagristija għadu jista' jiġi gawdut l-inkwatru li kien iżejjen l-artal tal-qaddis. Hu kwadru mpitter mill-artist Giuseppe Ċalì

Liebes ta' Ruman wieqaf bil-palma u l-lanza f'idu, simboli tal-martirju tiegħu, hekk jinsab irraffigurat fil-pittura li nsibu fuq il-bandalora. U miegħu hemm ukoll impittra l-Maċina.

Apparti li l-għan ta' dan il-proġett kien li jsir armar ġdid, ta' min jgħid li kollox sar bi skop u b'rispett lejn l-istorja. Insemmu wkoll il-finimenti tal-arbli li apparti li saru ġodda, jippreżentaw il-kewkba tal-baħar, sinonima ħafna mat-tema magħżula u mal-festa ta' Marija Bambina. Din il-pjazza fadlilha proġett ieħor biex tkun kompluta imma dan ser jitħalla għal meta ż-żmien ikun opportun. Fl-istess ħin din il-parti tal-Isla ngħatat dehra aktar rikka u eleganti li tagħti ġieħ lil Beltna f'dawn il-jiem ta' festa.




"Aħna llum, bħala poplu Nisrani, qegħdin niċċelebraw il-Festa tat-Twelid ta' Sidtna Marija, jew il-Bambina, kif insejħulha b'affezzjoni. Għalina l-Maltin din hija festa li għandha wkoll konnotazzjonijiet storiċi għaliex kienet propju f'din il-ġurnata li għal drabtejn - fl-Assedju tal-1565, kif ukoll fl-aħħar Gwerra Dinija - dan il-Jum ġab għall-Maltin it-tmiem ta' ġlied li kienu mdawra bih il-gżejjer tagħna. Ma setax ikun li l-Maltin ta' dawk iż-żminijiet ma jagħmlux konnessjoni ta' dawn il-ġrajjiet storiċi ma' din il-Festa, anki fil-konnessjoni mal-Fidi kbira li kellhom mat-talb li kienu jgħidu ta' kuljum bl-interċessjoni ta' Sidtna Marija."

*Silta mill-omelija ta'*
*Mons. Pawl Cremona O.P.,*
*Arċisqof ta' Malta*
*waqt Quddiesa Pontifikali fl-okkażjoni ta' Jum il-Vitorja.*
*Kon-Katidral ta' San Gwann,*
*8 ta' Settembru 2013*